Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – It-Tnejn 16 ta' Mejju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Inawgurazzjoni tal-Progett tal-Pjazza tad-Dehra**

3.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li minbarra li ser jintbgħat invit lill-mistednin distinti, ser jintbgħat ukoll invit u programm lir-residenti kollha t'Għajnsielem.

3.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-fatt li l-ilma tal-funtana mhux qed jnżel kif kien maħsub iżda qed jinżel bil-mod ħafna b'detriment li qed jintilef l-effett tiegħu. Sar qbil li għandna nindagaw sew biex nassiguraw li l-ilma jinżel kif suppost. Sar qbil li għandu jsir kuntatt mal-Inġinier u ma' Silvio tal-X-Treme f'dan ir-rigward.

3.3 Is-Sindku rrefera għal-fatt li l-Sbandieratori di Noto kkonfermaw il-miġja tagħhom għall-okkażżjoni tal-Inawgurazzjoni. Sar qbil li l-Kunsill għandu jħallsilhom l-akkomodazzjoni, ikel u trasport. Sar qbil li għandhom jieħdu sehem fil-quddiesa tal-10:00am, ssir parata u spettaklu dritt wara quddiem il-Każini u fit-toroq tal-madwar u ssir parata oħra qabel l-inawgurazzjoni u spettaklu dritt

wara. Sar qbil ukoll li ser isiru xi kuntatti ma' Kunsilli oħra f'Malta dwar jekk ikunux interessati li jsir xi spettaklu mill-Sbandieratori fil-lokal tagħhom u jagħtu xi kumpens lill-Kunsill billi jipprovdulhom xi ikla u trasport. Is-Sur Charles Zammit qed jgħin fl-organizazzjoni tal-miġja tal-Sbandieratori li ser ikunu fostna bejn it-28 u t-20 ta'Mejju.

3.4 Sar qbil li bħala prezentatur taċ-ċerimonja għandu jkun Lelio Spiteri u Antonella Grima tghin fl-ushering.

3.5 Sar qbil li jkun hemm ikel tradizzjonali Malti u ambjent tradizzjonali li jaqbel mall-ambjent tal-post. Sar qbil ukoll li għandna ninkludu logħob u daqq tradizzjonali

**4.0 Rapport ta' sena ta' ħidma**

4.1 Is-Sindku rrefera għar-rapport ta' sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Għajnsielem. Huwa semma' li kif ftehmna għadda x-xogħol lill-kumpanija Keen biex tagħmel il-layout tiegħu hi. Il-Kunsill qabel li bħala titlu jkun jismu "Hidmet il-Kunsill" u jkun jinkludi messaġġi qosra kemm bil-Malti kif ukoll bl-ingliż. Il-Kunsill qabel li għandu jibda jippublika din l-edizzjoni darba kull sitt xhur.

**5.0 Tneħħija ta' Wires minn mal-faċċata tal-Każin tal-Banda**

5.1 Wara it-talba li saret mil-Vici Sindku Kevin Cauchi dwar it-tnehhija tal-wires u arbli quddiem il-kazin tal-Banda, is-Sindku Franco Ciangura irrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-Inġinier John Mizzi tal-Enemalta rigward il-wires ta' mal-faċċata tal-Każin tal-Banda biex jitneħħew. Huwa semma' li hemm żewġ options; Option 1 li l-arbli jiġu shifted mill-post originali tagħhom u jitħarrku lura fi Pjazza 10 ta' Diċembru. Option 2 hija li jitħaffer kanal mal-bankina fejn hemm il-pots u l-wiring jgħaddu minn hemm.

5.2 Il-Kunsill qabel li għandu jimxi ma' option 2 u dan ix-xogħol ghandu jiġi nkluż mal-proġett tat-taraġ li jgħaqqad il-Pjazza Madonna ta' Loretu mal-Pjazza 10 ta' Diċembru. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Inginier u naraw jekk jistax minflok il-kanal isir fuq il-bankina jsir minn taħt iċ-ċint. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti spinta għal bidu ta' dan il-proġett billi jikkuntatja lill-Perit Shawn Micallef biex jibda jaħdem fuq il-pjan u jipprovdilna stima.

5.3 Il-Kunsill ilmenta wkoll għan-nuqqas ta' dawl fl-area ta' quddiem il-Każini speċjalment quddiem tal-Football. Is-Sindku semma' li waqt il-laqgħa li kellu

mal-Inġinier qallu li ser jitneħħa l-arblu ta' ħdejn it-telephone box u xi ieħor li hemm ħdejn il-Każin tal-Banda.

**6.0 Talbiet għal-lampi ġodda fil-lokal.**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-eżerċizzju mniedi mir-Regjun t'Għawdex dwar x'tip ta' dawl hemm bzonn u fejn hu meħtieġ li jiżdied minħabba li bis-sistema l-ġdida naqas il-vultaġġ u għalhekk l-area saret aktar mudlama. Huwa semma' kif kaġun ta' dan il-Kunsill qed ikollu bosta talbiet ta' bozoz ġodda b'detriment li l-Kunsill ser ikollu jidħol għal spiza ta' bozza ġdida. Huwa semma' li wara li jinħareġ ir-rizultat ta' dan l-ezerċizzju ser jiġi determinat liema huma dawk il-bozoz li jinħtieġ li jiżdidilhom il-vultaġġ biex b'hekk jista jkun li l-area tiddawwal aktar u ma jkunx jifdal ħtieġa ta' bozza oħra ġdida bejniet il-lampi eżistenti.

6.2 Sadanittant il-Kunsill qabel li għandu jkompli jagħmel xi bozoz mill-lista ta' lampi ġodda li għandu. Sar qbil li għalissa nagħmlu lampa ġdida ta' Nazju Pace u oħra ta' Robert Debono peress li l-aktar li ilhom li applikaw u li żgur li r-rapport tar-Regjun t'Ghawdex mhux ser ikun ta' soluzzjoni għal dawn iż-żewġ talbiet. It-talbiet l-oħra pendenti jista jkun il-każ li jissolvew jekk jiżdied il-vultaġġ tal-lampi tal-qrib.

6.3 Fir-rigward tat-talba ta' lampa ġdida ta' Joseph Galea, l-istima ntelgħet għal madwar €2700 mingħajr il-lampa peress li jinħtieġ li jsir arblu ġdid. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lis-Sur Galea għal-laqgha li jmiss biex tiġi diskussa miegħu din it-talba u kif nistgħu nagħmluha bl-inqas spejjes possibbli.

**7.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

7.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**8.0 Materji oħra**

8.1 Ġew trattati l-lmenti tal-Customer Care mingħand Emilia Spiteri ghal talba ta' double yellow lines faċċata tar-residenza tagħha. Sar qbil li din it-talba għandha titressaq quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha.

8.2 Ġiet tratta wkoll it-talba ta' Joe Vella sabiex jinbena ħajt go għalqa tal-Gvern fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li t-talba għandha tiġi mgħoddija lil Gvern Ċentrali.

8.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba tar-resident Neville Barker ta' Triq Hamri fejn qed jitlob li minħabba d-diżabilita' tiegħu jsirlu reserved parking. Il-Kunsill qabel li għandu jara eżatt fejn qed jitlob li jsir il-parkeġġ riservat u jekk ma jkunx ta' detriment għal ħaddiehor għandna mmexxu t-talba tiegħu.

8.4 Il-Kunsillier Peter Caruana ressaq it-talba dwar il-ħtieġa li jinżebgħu mill-ġdid il-bankijiet tal-Belvedere ta' quddiem il-Grand Hotel.

8.5 Il-Kunsillier Peter Caruana talab ukoll sabiex issir talba formali lill-Gvern Centrali sabiex Triq Sant'Antnin tingħata t-tarmak u wkoll sabiex tiġi ndirizzata l--problema ta' rwejjaħ qawwija tad-drenaġġ li jkun hemm fiha speċjalment figħaxija. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba.

8.6 Ġie trattat l-ilment li ressqet Jennifer Cauchi rigward fanal maqsum li hemm mageb il-knisja ta' Sant Antnin U li jinħtieġ jinbdel jew jitranġa. Sar qbil li għandna nirrapurtaw dan il-każ malajr peress li jista' jkun ta' periklu.

8.7 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li wara l-knisja ħawwlu żewġ siġriet u waqt lli kienu jagħmlu x-xogħol kissru ċ-ċint u talab jekk jistax jissewwa mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li la darba kissru l-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħol għandu jsewwieh hu. Il-Kunsilllier Larry Buttigieg staqsa jekk hemmhekk hux proprjeta tal-Knisja. Is-Sindku kkonferma li din il-parti hija tal-knisja iżda fakkar ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta l-approvazzjoni lill-Kunsill biex ikun jista jsir it-tindif. Il-kunsillier Peter Caruana rrimarka li ma jistax jifhem kif ftit tas-snin ilu d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ta struzzjonijiet biex ma jsirx tindif mill-Kunsill fil-Pjazza peresss li hija privata u issa l-istess Dipartiment qed jaghti l-approvazzjoni tiegħu.

8.8 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi saqsa jekk fil-kuntratt li bejn il-Knisja u l-Gverm din l-art kinitx iminzzla bhala pjazza jew zuntier. Is-Sindku Franco Ciangura qal li z-zuntier huwa mit-tarag il-fuq. Il-Kunsill kollu qabel li l-ħaxix ħażin u t-telqa li hemm fil-Pjazza tagħti mpressjoni ħazina pero jekk fil-futur isiru xi xogholijiet, qabel ghandu jkun hemm ftehim li jsir bil-miktub.

8.9 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrimarka li huwa għandu r-riservi tiegħu dwar il-kwistjoni tal-Kunsill u t-tindif tal-Pjazza anke minhabba il-fatt li l-kunsill gie eskluz ghal kollox mill-ftehim li sar bejn il-Parocca, Kurja u Gvern Centrali. Huwa talab sabiex din id-diskussjoni tigi sospiża u terga tigi diskussa f'punt ghaliha fuq l-agenda.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 ta' filgħaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2016 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**